**MINISTERU GĦAL EDUKAZZJONI U XOGĦOL**

# POST TA' *EDUCATION SUPPORT PRACTITIONER (RESOURCE WORKER)* GĦAL PROĠETT "LENTI FUQ L-IŻVILUPP TA' WLIEDNA" FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦAL EDUKAZZJONI U XOGĦOL

**(Skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2016)**

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni kompetenti u kkwalifikati għall-post ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* għal-proġett "Lenti fuq l-iżvilupp ta' Wliedna" fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE).

## 2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* huwa ta' Skala ta' Salarju 10, bħalissa €18,127.98 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €20,574.00.

2.2 Persuna fil-grad ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* titla' fi Skala 9 (€19,320.02 x €447.33 - €22,004.00) wara ħames (5) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.3 Barra minhekk, persuna fil-grad ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* titla' *għall-grad ta' Senior Education Support Practitioner (Resource Worker) (Skala 8) (€20,619.02 x €486.83 - €23,540.00)* wara li tikseb kwalifika f'Livell 7 tal- MQF f'*Resource Work*, u wara mhux anqas minn ħames (5) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.4 Is-salarju ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* jista' jkun Ko-finanzzjat mill-fondi tal-EU sa' Diċembru 2020. Minn hemm 'l quddiem (Jannar 2021) is-salarju jkun kopert mill-Fondi Nazzjonali.

## 3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* jinkludu:

- Issegwi t-tfal irreferuti wara li ġew assessjati min-*National Screening Project* "Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Uliedna";

- Taħdem mat-tfal, fid-djar, fiċ-*Child Care Centres* jew fl-iskejjel, li jkollhom età minn 0 sa 5 snin, u li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet fi tnejn jew aktar mill-oqsma taż-żvilupp li ġejjin:

  - l-iżvilupp fiżiku (*gross and fine motor development*);
  - l-iżvilupp kommunikattiv u tal-lingwa;
  - l-iżvilupp konjittiv, numerattiv u tal-litteriżmu;
  - l-iżvilupp personali, soċjali u emozzjonali

- tagħti sapport lill-għalliema, *special educators, learning support assistants*, KGAs, INCOs, SMT u ġenituri/*carers/*tuturi fl-iżvilupp ta' varjeta' ta' strateġiji varji li jilħqu l-bżonnijiet individwali tat-tfal.

- isir l-assessjar funzjonali fl-iżvilupp tat-tfal, jiġu ppjanati u mmaniġġjati interventi individwali ġod-djar, *childcare centres* u l-iskejjel bl-involviment tal-familji, l-edukaturi, *learning support assistants* u professjonisti oħra.

- toffri pariri u timplimenta programmi relatati mal-aspett fiżiku, sensorjali, konjittiv, komunikazzjoni u l-ambjent soċjali tal-istudent.

- toffri programmi wara l-ħin tal-iskola individwalment u fi gruppi żgħar għal studenti li jeħtieġu interventi aktar intensivi bħala parti integrali mill-programm edukattiv.

- taħdem mat-tfal li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet ta' żvilupp, mediċi, psikoloġiċi, fiżiċi, ta' tagħlim jew diffikultajiet oħra;

- tottimizza l-abbilitajiet funzjonali u l-indipendenza tal-istudent sabiex tipprovdi għajnuna u parir lit-tfal, lill-familji tagħhom, edukaturi tas-snin bikrija u l-edukaturi fl-iskola billi jingħataw attivitajiet speċifiċi, magħżula u gradati.

- jikkonsultaw mall-istaff tal-*Access Communication and Techology Unit (ACTU*) u tal-*Autism Spectrum Support Team (ASST)* u *NGOs* fl-assessjar, fl-bidu u fl-implementazzjoni ta' kommunikazzjoni awmentattiva/alternattiva (ta' Teknoloġija Assistiva), fi programmi ta' mġieba u interazzjoni soċjali fil-klassijiet, skejjel, *childcare centres* u fil-komunità.

- tipprovdi għajnuna lill-ġenituri/*carers/*tuturi fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' programm edukattiv li huwa strutturat skont il-bżonnijiet tat-tfal.

- tikteb rapporti edukattivi biex jiġu pprezentati waqt *case conferences*.

- tippjana u tagħti sessjonijiet individwali skont il-bżonnijiet tat-tifel/tifla.

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities
and promote the wellbeing of society"
Scholarships may be considered for part-financing by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% EU Funds; 20% National Funds

- tiddokumenta, timmonitorja u tevalwa interventi, u tipprovdi l-assessjar kif ukoll ir-rapporti ta' progress tat-tifel/tifla skont l-*Individual Educational Plans (IEPs).*
- jagħtu sostenn lit-tfal waqt it-tražizzjoni tagħhom mid-dar għall-iskola/*childcare centre*, u jipparteċipaw f'sessjonijiet tal-*IEP.*
- monitoraġġ regolari u reġistrar tal-progress tat-tfal.
- kollaborazzjoni mal-Uffiċjali Edukattivi, *INCOs, Learning Support Assistants* u staff edukattiv ieħor skont il-bżonnijiet tat-tfal bi strateġiji ta' interventi xierqa kif inhuma riflessi fil-Qafas għall-Edukazzjoni għal Kulħadd skont kif inhuma implementati mill-Project Leader jew id-delegat tiegħu/tagħha.
- tmexxi sessjonijiet ta' taħriġ mal-istaff edukattiv fuq strateġiji varji u differenti li jistgħu jgħinu biex it-tfal jirnexxu lkoll.
- iżżomm ruħha aġġornata ma' żviluppi ġodda fil-qasam ta' intervent bikri, u tattendi taħriġ meta dan ikun disponibbli.
- tagħti informazzjoni u parir permezz ta' metodi differenti li jinkludu t-telefon, l-*e-mail, websites* u materjal miktub.
- tippartecipa f'riċerka, f'proġetti pilota u f'*Continuing Staff Development.*
- dmirijet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tal-Project Leader jew id-delegat/a tiegħu/tagħha.
- dmirijet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Education Support Practitioner (Resource Worker)* tista' tintbagħat taqdi dmirijiet fi djar, skejjel u *Childcare Centres* biex tikkontribwixxi għall-implementazzjoni tal-programm edukattiv individwali tat-tfal bi bżonnijiet speċjali individwali f'livell nazzjonali.

**4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; **jew**

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF(dment li jkollhom minimu ta' 180 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'l quddiem) fis-*Social Sciences* relatata ma' *Learning Difficulties* u/jew *Learning Disabilties* u/jew Edukazzjoni Speċjali u Inklussiva.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm jissodisfaw kwalunkwe rekwiżiti speċifiċi tas-suġġett.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, sakemm jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ta' kondotta approprjata għall-pożizzjoni li applika għaliha (l-applikanti li huma diġà fis-Servizz Pubbliku Malti jridu jipproduċu Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-Liv (GP 47) li tista' tiġi akkwistata permezz ta': http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf; dawk li japplikaw minn barra s-Servizz jridu jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew xi awtorità kompetenti oħra mhux aktar qabel minn xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qattx kienu fis-Servizz Governattiv, u jagħtu d-dettalji);

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata li tinkludi esperjenza ta' tagħlim.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-provvedimenti ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita` pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 8).

## 5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenzi li l-persuna tistqarr li għandha għandhom jiġu msaħħa minn ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmużin mal-applikazzjoni. Ċertifikati ta' Diploma/Degree/Post-Graduate jew kwalifiki komparabbli għandhom jiġu akkumpanjati bi traskritt bl-Ingliż (Suppliment ta' Diploma/Ċertifikat), li juri d-d-Degree miksuba u l-klassifikazzjoni tal-aħħar. Kopji skannjati mibgħutin b'mod elettroniku jiġu aċċettati.

5.2 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom, mingħajr l-ebda eċċezzjoni, jinġiebu għal verifikazzjoni waqt l-intervista.

## 6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat jekk humiex adatti għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 100. Il-Kriterji tal-Assessjar jinstabu mis-sit: http://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx

6,2 Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara' mis-sit https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx

**7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma' Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-*leave* aġġornata fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi (GP 47) u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-Curriculum Vitae Ewropew, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2016**. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' email tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinzamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet, għandhom japplikaw għall-GP47 billi jibgħatu *e-mail* fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru. tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien mar-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Il-Kopja tal-GP 47 tinbagħat lill-applikant permez ta' *e-mail* waqt li l-oriġinali tinbagħat lill-Bord tal-Għażla.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

**8.0 Provvedimenti Ġenerali Oħra**

8.1 Provvedimenti ġenerali oħra li jikkonċernaw dis-sejħa għall-applikazzjoni, b'referenza partikolari għal:

- kondizzjonijiet oħra applikabbli;
- akkomodazzjoni xierqa għal persuni reġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dokumenti ta' għarfien dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess għas-sottomissjoni ta' talbiet li jikkonċernaw ir-riżultat;
- eżami mediku;
- aċċess għal formoli tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti,

jista' wieħed jarahom billi jidħol fil-websajt tal-Amministrazzjoni Pubblika HR Office f'dan l-indirizz: http://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/Public%20call%20position-%20general%20provisions%20june.pdf jew jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni tal-Customer Care, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000, jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni,Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex VCT 2000. Dawn il-provvedimenti ġenerali għadhom jitqiesu bħala parti integrali minn dis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għar-raġuni ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Generali għal dis-sejħa l-e-mail huwa info.education@gov.mt